**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 28 ta' Mejju, 2024**

Rikors Numru: 140/24 AL

A B C

vs

D E C

(M.R. Numru 4386/2011)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar is-26 ta' April 2007 u iz-zwieg taghhom huwa registrat bin-numru progressiv 158/2021, Kopja tac-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat Dok. DD1.
2. Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel, F, nhar il-4 ta' Frar 2011 gewwa Tal- Qroqq, Malta
3. Illi l-partijiet ilhom de facto seprati ghal oltre sena, u l-istess parijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali nhar it-8 ta' Marzu 2024, fl-atti tan-Nutar Dr. Henri Vassallo. Kopja tal-kuntratt qed tigi annessa u mmarkata Dok. DD2.
4. Illi ai termini ta' l-Artikolu 5 tal-Kuntratt, il-partijiet iddekadew mid-dritt ghall- manteniment bl-iktar mod assolut. Il-partijiet ukoll iddikjaraw illi tali dekadenza hija assoluta u irrevokabbli u li d-dritt ghal manteniment ma jistax jigi impost fl-ebda cirkustanza, lanqas jekk ic-cirkustanzi tal-partijiet jinbidlu jew jekk id-drittijiet tal-partijiet jigu emendati b'xi bidla fil-ligi.
5. Illi ai termini ta' l-Artikolu 8 tal-kuntratt, il-Mara ghandha thallas manteniment ghall-minuri.
6. Illi sa llum il-manteniment dejjem thallas puntwalment.
7. Illi ma hemm assolutament l-ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni, ghaliex apparti l-fatt illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal iktar minn sena, huma ghandhom hajja separata u il-Mara, kif ukoll indikat fil-kuntratt ta' Separazzjoni anness, ghandha intenzjonijiet illi fix-xhur li gejjin tirriolka wahedha barra minn Malta.
8. Illi ghalhekk, jikkonkorru l-elementi kollha skond il-ligi, ghall-pronunzjament tad-divorzju ai termini ta' l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16, tal- Ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet
2. Tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill- istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta’ Marzu 2024;

Semghet lill-intimata twieġeb fuq domanda tal-Qorti li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta’ Marzu 2024 u *de facto* separati minn Jannar 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.